MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Numru 81/2012

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**KONTRA**
**MAHBUBA MOHAMMED**
**GEMECHIS HORDOFA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mahbuba Mohammed ta' 23 sena, bint Mohammed u Ashraka, mwielda Addis Ababa fl- 1 ta' Jannar 1989, residenti f' Hal Far centru miftuh Hal Far Malta u detentrici bin- numru tal- Pulizija 11C- 070;

U

Gemechis Hordofa ta' 37 sena, bin Hordofa u Ollagrish, mwieled Addis Ababa fl- 1 ta' Jannar 1975, residenti F'

Hal Far centru miftuh Hal Far Malta u detntur bin- numru tal- Pulizija 11C-069;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli fit- 8 ta’ Ottubru 2011 u fix- xhur ta’ wara, f’ Malta imbarkaw minn Malta minghajr ma kellhom passaport u minghajr ma taw lill- Ufficjal Principali tal- Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l- informazzjoni l- ohra kif l-Ufficjali Principali tal- Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew l-akkuza migjuba kontra taghhom, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront taghhom. Il-Qorti giet infurmata mil-Prosekuzzjoni li huma mhux biss ammettew l-involviment taghhom f’dan ir-reat, izda kienu lesti wkoll li jkomplu jghinu lill-istess Pulizija fl-investigazzjoni dwar terzi li kienu qed jittraffikaw lil diversi persuni b’mod illegali. Kien ghalhekk li l-partijiet issottomettew u qablu li ghall-finijiet ta’ piena, l-imputati setghu jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta’ sentenza sospiza. Il-Qorti taqbel ma’ din is-sottomissjoni, u dan

sabiex jinzamm bilanc bejn il-hsara li saret lis-socjeta' u r-rieda tajba li qed juru l-imputati biex jinqabad min qed jittraffika lil tant persuni u jikser il-ligi u jaghmel hafna flus minn fuq dahar l-imputati u hafna ohra bhalhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 28 tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terrminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------